

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Ġunju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio – I-Italja) – BM, NP vs Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR**

(Kawża C-132/22 <sup>(1)</sup>), Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca (Klassifikar speċjali))  
(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-ħaddiema – Artikolu 45 TFUE – Regolament (UE) Nru 492/2011 – Artikolu 3(1) – Ostakolu – Ugwaljanza fit-trattament – Proċedura ta' klassifikazzjoni għall-għoti ta' karigi f'ċerti stabbilimenti pubbliċi nazzjonali – Kundizzjoni għall-ammissjoni marbuta mal-esperjenza professjonali preċedenti miksuba fi ħdan dawn l-istabbilimenti – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza professjonali miksuba fi Stati Membri oħra – Ġustifikazzjoni – Għan tal-ġlieda kontra l-prekarjetà)

(2023/C 271/07)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: BM, NP

Konvenut: Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR

### Dispożittiv

L-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippredvi li huma biss il-kandidati li jkunu kisbu ċerta esperjenza professjonali fl-istabbilimenti pubbliċi nazzjonali ta' taħriġ superjuri artistiku, mużikali u koregrafiku li jistgħu jiġu ammessi għal proċedura ta' inklużjoni fil-listi stabbiliti għar-reklutaġġ, permezz ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat u għal żmien determinat, ta' persunal f'dawn l-istabbilimenti u li b'hekk jipprekludi t-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-ammissjoni għal din il-proċedura, tal-esperjenza professjonali miksuba fi Stati Membri oħra.

<sup>(1)</sup> ĠU C 207, 23.5.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-15 ta' Ġunju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Saint-Louis Sucre vs Premier ministre, Ministre de l'Agriculture et de l'Alimentation, SICA des betteraviers d'Etrepagny**

(Kawża C-183/22 <sup>(1)</sup>), Saint-Louis Sucre (Rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' produttori))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Organizzazzjoni komuni tas-swieq – Regolament (UE) Nru 1308/2013 – Statuti tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi – Artikolu 153(1)(b) – Regola ta' appartenenza tal-membri f'organizzazzjoni waħda tal-produtturi – Portata – Artikolu 153(2)(c) – Kontroll demokratiku tal-organizzazzjoni tal-produtturi u tad-deċiżjonijiet meħuda fi ħdanha mill-membri produttori – Kontroll eżerċitat minn persuna fuq ċerti membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi)

(2023/C 271/08)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Saint-Louis Sucre

Konvenuti: Premier ministre, Ministre de l'Agriculture et de l'Alimentation, SICA des betteraviers d'Etrepagny

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 153(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ir-reqwiżit ta' appartenenza għal organizzazzjoni ta' produttori waħda jirrigwarda esklużivament il-membri tagħha li għandhom il-kwalità ta' produttori.

2) L-Artikolu 153(2)(c) tar-Regolament Nru 1308/2013, kif emendat bir-Regolament 2017/2393,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

sabiex jiġi ddeterminat jekk l-istatuti ta' organizzazzjoni ta' produttori jinkludux regoli li jippermettu lill-produttori membri tagħha jikkontrollaw, b'mod demokratiku, l-organizzazzjoni tagħhom u d-deċiżjonijiet meħuda minn din tal-aħħar, hemm lok, għall-awtorità nazzjonali responsabbli għar-rikonoxximent ta' din l-organizzazzjoni:

- teżamina jekk persuna tikkontrollax ċerti membri tal-organizzazzjoni ta' produttori billi tiegħu inkunsiderazzjoni mhux biss il-fatt li din il-persuna għandha sehem fil-kapital azzjonarju tal-imsemmija membri, iżda wkoll meta din il-persuna għandha, magħhom, tipi oħra ta' relazzjonijiet, bħal, fir-rigward ta' membri mhux produttori, l-affiljazzjoni tagħhom mal-istess konfederazzjoni sindakali jew, fir-rigward ta' membri produttori, l-eżerċizzju, minnhom, tar-responsabbiltajiet ta' tmexxija fi ħdan tali konfederazzjoni;
- wara li tkun ivverifikat li l-produttori membri tal-organizzazzjoni ta' produttori għandhom maġġoranza tal-voti fi ħdan il-laqgħa ġenerali tal-organizzazzjoni, hija għandha teżamina wkoll jekk, fid-dawl tat-tqassim tal-voti bejn il-membri li ma humiex ikkontrollati minn persuni oħra, membru wieħed jew iktar mhux produttori humiex, minħabba influwenza determinanti li jistgħu jeżerċitaw minħabba f'hekk, jistgħu jikkontrollaw, anki mingħajr maġġoranza, id-deċiżjonijiet meħuda mill-organizzazzjoni ta' produttori.

(<sup>1</sup>) ĠU C 213, 30.5.2022.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-15 ta' Ġunju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Warszawie – il-Polonja) – YQ, RJ vs Getin Noble Bank S.A.**

**(Kawża C-287/22 (<sup>1</sup>), Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' self))**

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Self ipotekarju indiċjat fuq munita barranija – Artikolu 6(1) – Artikolu 7(1) – Talba għall-għoti ta' miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' self – Garanzija tal-effettività sħiħa tal-effett restitutorju)**

(2023/C 271/09)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Okręgowy w Warszawie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: YQ, RJ

Konvenut: Getin Noble Bank S.A.